MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 433/2012

**Il-Pulizija**

**(Spt. Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Jonathan Abela**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 570685 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar l-10 ta’ Novembru 2007 ghall-habta tas-01.25 a.m. waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta’

registrazzjoni LEE 156 tal-ghamla Toyota Vitz fi Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin :

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Danica Azzopardi li ghandha numru tal-identita` 0279087 (M) u dan skond kif iccertifikat Dr. Moira Grech M.D (Reg. No. 2565) tal-Isptar San Luqa.
2. talli saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz.
3. talli saq l-istess vettura b'velocita` eccessiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru, 2012, li biha wara li rat in-Nota ta' Rinviju tal-Avukat Generali tas-6 ta' Awwissu 2010 u senjatament l-artikoli 225, 226(1a), 214 u 218 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 15(1)(2)(3) u 55 u t-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu multa ta' elfejn Ewro (€2000) u skwalifikatu milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' tliet (3) xhur.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti kkundannat lill-appellant sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elfejn, mija u tmienja u ghoxrin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€2128.26) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Ottubru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

L-aggravju tal-appellant jista' jkun sintettizat kif ġej. L-ewwelnett li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet apprezzament ħażin tal-fatti b'referenza

b'mod speċjali kif il-Qorti qieset ix-xhieda ta' Danika Azzopardi. L-appellant jissottometti li l-verżjoni tal-appellant kienet korroborata mill-verżjoni tal-vittma li kienet riekba bħala passiġġier.

L-appellant ukoll jissottometti li karozza Vitz qatt ma setgħet tinstaq bil-veloċita' ta' 132 mil-fis-siegħa għax din ma tasalx ħlief sa 97 mil fis-siegħa.

L-appellant jissottmetti wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tikkonsidra li l-parti leża tħallset mill-assigurazzjoni u li llum għandha relazzjoni stabbli mal-appellant.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Li mill-atti jirriżulta bla ebda dubju ta' xejn li Danika Azzopardi weġġgħet serjament waqt dan l-inċident. Għadd ta' tobba u espert tal-Qorti xehdu dwar dan u l-Qorti qed tagħmel referenza għax-xhieda tagħhom. [1] Kemm hemm żmien li saħansitra kienet tilfet parti mill-memorja għalkemm meta waslet biex tixhed in kontro-eżami l-memorja, skont ix-xhud, donnha li kienet f'postha. Kienet innutata wkoll bidla fil-personalita' tagħha (ara b'mod speċjali r-relazzjoni u x-xhieda tan-newrologu il-Professur Galea Debono ). Dwar il-ġravita' tal-offiżi ma hemm ebda kontestazzjoni. Filfatt il-vitma tħallset ukoll somma konsiderevoli minn għand l-assigurazzjoni.

---

[1] Ara x-xhieda ta' Dr Jonathan Joslin (fol 18 u 23) li jistabilixxi li l-vittma kellha ġireħi gravi f'partijiet ta' moħħha , ta' Jane Agius (assistant principal administration fil-Mater Dei), Dr Josanne Aquilina (fol 48), Il-Professur Dr Anthony Galea Debono (fol 51) li stabilixxa fir-rapport tiegħu tas-27 t'Ottubru, 2008(fol 54) , li l-vittma problemi sostanzjali tal-memorja speċjalment f'dik li hi short term memory, u li kellha personality change, kienet tħossha għajjeina ħafna u torqod ta' spiss u dawn il-problemi kollha kellha x'jaqsmu mal-ġerħa gravi fil-moħħ, Dr Mario Scerri (relazzjoni fil-proċess a fol 24 et bil-konklużjonijiet a fol 40 u 41 u xhieda a fol 69), Dr Malcolm Vella (fol 84 et) li stabilixxa li s-CT scan kien normali imma li l-vittma kellha l-aċċessjonijiet minħabba ġerħa fir-ras,il-fiżjoterapista Matthew Azzopardi li baqa' jara lill-allegata vittma sa April ts-sena 2008 (fol 110) u Dr Norbert Vella (fol 125). Dan tal-aħħar kien eżamina lill-vittma wara li saret talba għal dan il-għan mill-Elmo Insurance. Huwa stabilixxa wkoll problemi b'nuqqas ta' memorja u diżabilita' ta' 18%. (Ara wkoll ir-rapport a fol 127 b'mod speċjali t-tielet paragrafu kif ukoll a fol 4 tal-istess rapport l-aħħar paragrafu.

Għalhekk dak li jibqa' biex tkun eżaminata hija dwar kif seħħ l-inċident u jekk l-appellant kienx jaħti għal dak li ġara.

Dwar id-dinamika tal-inċident mill-atti jirriżulta li l-Maġistrat Inkwirenti kienet ikkonkludiet li l-inċident seħħ minħabba sewqan eċċessiv da parti tal-appellant. Matul l-inkjesta l-appellant xehed wara li ngħatatlu t-twissija mill-Perit Richard Aquilina fejn hu qal li waqt li kien nieżel minn Triq il-Wied huwa ra dawl qawwi ġej minn quddiemu u sema' lit-tfajla tgħajjat u dawwar lejn il-lemin. L-appellant ikkonferma din il-verżjoni meta tela' jixhed quddiem il-Maġistrat.

Huwa sinifkanti li l-espert maħtur mill-Qorti Joseph Zammit eskluda li l-karozza kellha xi difett mekkaniku jew li l-inċident seħħ imħabba xi difett mekkaniku.  Dan l-espert jiddeskrivi l-inċident hekk:

***'L-inċident ġara meta l-karozza kienet qegħda tinstaq mid-direzzjoni ta' Birkirkara lejn l-Imsida.  Hekk kif waslet quddiem il-fond numru 33 tilfet il-kontroll u ġibdet lejn in-naħa tal-lemin ġol-karreġġjata opposta, rikbet il-bankina, tkaxkret mal-ħajt u kompliet daret u ħabtet il-ġenb tax-xellug mal-istess siġra tant li korriet gravi il-front seat passenger meta din kienet mrassa mal-passenger door sa fuq is-seat.' (fol 77).***

Min-naħa l-oħra l-espert maħtur mill-Qorti Dr Mario Buttigieg fir-relazzjoni tiegħu qal li l-post fejn sar l-inċident huwa mdawwar bil-bini u li għalhekk, skont ir-regolament 127 tal-Motor Vehicle Regulation is-sewqan m'għandux jeċċedi aktar minn 50 kilometru fis-siegħa.  Dak in-nhar tal-in`ident, it-triq kienet xotta u l-kundizzjoni tagħha kienet tajba.  Permezz ta' apparat apposta l-espert seta' jikkalkula b'kemm kien qed isuq l-appellant meta daħal fis-siġra.  L-ispeed irriżulta li kien ta' 26 mil fis-siegħa.  L-espert stabilixxa 0.68 bħala l-coefficient of friction fuq wiċċ it-triq. Fl-aħħar l-espert wasal għall-veloċita' li kien qed  isuq biha l-appellant bħala 132 mil fis-siegħa.  (Ir-relazzjoni kienet ġuramentata  a fol 71).

Fil-konklużjoni tiegħu a fol 111 et seq Dr.Mario Buttigieg qal hekk:

***‘Meta kien qed idur il-liwja, ma setax jikkontrolla din il-liwja b’konsegwenza li tilef il-kontroll u baq’ dieħel fis-siġra. Irriżulta li Danica Azzopardi weġġgħet mhux bid-daqqa nnifisha li sofriet il-karozza biss użda bid-decelaration kbira li għamlet il-vettura f’daqqa. Dan il-fatt huwa ppruvat xjentifikment illi meta jkun hemm decelaration qawwija f’distanza relativament qasira jkun hemm traumatic brain injury.’***

Il-Qorti għarblet ukoll ix-xhieda li tat Danica Azzopardi in eżami u in kontro eżami. Hija xehdet l-ewwel darba fit-13 ta’ Marzu, 2009 (fol 26) sena u erba’ xhur wara l-inċident. Hija qalet li kienu sejrin lejn id-dar meta ħabtu ma’ siġra. Ftakret biss li kienet liebsa s-seat belt u xi kuri li kienet qegħda tieħu.

Hija xehdet in kontro-eżami fl-24 ta’ Ġunju 2011 (fol 144) (tliet snin seba’ xhur u 14-il jum wara l-inċident). Din id-darba qalet li kienet rat karozza tielgħa lejn Birkirakra fuq il-lane tagħhom. Din il-karozza kellha l-bright mixgħul u allura l-appellant ipprova jiskapulha u skiddjaw u baqgħu deħlin ġo ħajt.

Fil-kontro-eżami hija qalet li l-ewwel darba li xehdet ma kenitx għadha ġiet f’sensiha daqs meta kienet qed tixhed fil-jum tal-kontro-eżami. Dwar il-memorja, hija qalet li maż-żmien bdiet tiġi. Hija qalet ukoll li ma setgħetx tara l-kulur tal-karozza minħabba li d-dawl kien bright. Żiedet tgħid li huma kienu għaddejin bi speed normali. Hija baqgħet tinsisti li l-karozza li kienet tielgħa lejn Birkirkara kienet qed tinstaq fil-lane tagħhom u li dan id-dawl ratu tul ta’ karozza ‘l bogħod minnhom. .

**Konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti dwar kif seħħ l-inċident**

Bħalma dejjem intqal mill-Qrati tagħna, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax konklużjoni lit kun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati jekk kemm-il darba dik il-Qorti setgħet tasal għal dik il-konklużjoni legalment u raġonevolment.

Din il-Qorti ma tantx tqis ix-xhieda ta' Danika Azzopardi bħala waħda attendibbli. Hemm wisq bidla radikali bejn l-ewwel darba li xehdet u t-tieni darba. Din il-Qorti mhix konvinta li din il-bidla seħħet minħabba li meta xehdet it-tieni darba l-memorja kienet ġietha lura. Il-forensika hija kontriha għax waqt li hija tiddeskrivi s-sewqan bħala wieħed normali, l-espert wera kif is-sewqan kien ferm u ferm eċċessiv għax kien ferm aktar minn dak li tippermetti l-liġi. . Evidenza tal-preżenza ta' karozza oħra fl-istess lane tagħhom ma teżistix. L-impatt li sar, kif deskritt mill-espert Joseph Zammit, ikompli jsaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-appellant kien qed isuq ħaj. L-appellant innifsu, meta xehed fl-inkjesta, imkien ma jgħid li d-dawl kien ta' karozza li qed issuq fid-direzzjoni tiegħu. U fl-aħħarnett, kif sew qalet il-Qorti tal-Maġistrati,

*'anki jekk għall-grazzja tal-argument biss wieħed jaċċetta din it-teżi tad-dawl ġej mid-direzzjoni opposta xorta wahda l-imputat jista' jitqies responsabbli għall-akkadut u dan għaliex sewwieq prudenti li qed isuq b'veloċita' normali jara dawl ġej fuq l-istess karreġġjata tiegħu mill-faċċata jiġbed lejn ix-xellug u mhux lejn il-lemin.'*

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dik il-parti tal-aggravju dwar il-valutazzjoni tal-provi maghmula mill-Qorti tal-Maġistrati dwar kif seħħ l-inċident u dwar it-tort tal-appellant.**

**It-tieni parti tal-aggravju – il-Qorti ma tatx każ li llum il-vittma u l-appellant għandhom tifel.**

Fit-tieni parti tal-aggravju l-appellant saħaq li l-Qorti tal-Maġistrati ma tatx konsiderazzjoni biżżejjed li llum il-koppja għandhom tifel.

Bir-rispett kollu, l-appellant mhux qed ikun preċiż fil-kummenti tiegħu għaliex il-Qorti tal-Maġistrati tat każ ta' dan a fol 188 tal-proċess fejn rreferriet għar-relazzjoni stabbli li teżisti bejn il-vittma u l-appellant. Iżda lanqas li kieku naqset li tagħmel dan, ma kienet tkun qed

tagħmel xejn ħażin għaliex dawn il-proċeduri huma dwar il-ħarsien tal-Liġi kriminali fejn jidħol sewqan ta' vetturi. M'għandux ikun hemm differenza bejn sewwieq li m'għandu ebda rbit u sewwieq li huwa partner jew miżżewweġ. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati kienet raġjonvolissima fil-kalibrar tal-piena.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju wkoll.**

**It-tielet parti – Irritwalita' fl-użu tal-kliem.**

Matul it-trattazzjoni rriżulta biċ-ċar li l-Qorti tal-Maġistrati kienet korretta meta użat il-kelma 'tiskwalifikah'.

**Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju wkoll.**

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi ( Il-Pulizija vs Jonathan Abela) nhar it-28 ta' Settembru 2012 fl-intier tagħha. Iz-zmien ta' skwalifika jibda minn nofs il-lejl u minuta tal-4 ta' Marzu, 2014.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------